# Il-Ħuttafa

## Il-magażin ta' Klabb Ħuttaf




*Numru 41* *Novembru - Diċembru 2000*

## F'dil-ħarġa...


| | |
|---|---|
| Editorjal | 2 |
| Aħbarijiet | 3 |
| Mid-dinja | 4 |
| Nittrumbjaw Fuq | 5 |
| Gallerija | 6 |
| Spot Natura | 7 |
| Avviżi | 7 |
| Kompetizzjoni 41 | 8 |
| Ittri | 8 |
| In-Natura fl-Arti | 8 |
| Attività | 9 |
| Għali Ambjentali | 10 |
| Rigal speċjali... | 11 |
| Il-Ħuttafa tas-Sena | 11 |
| Daħħal membru | 11 |
| Brave Chick! | 12 |




# EDITORJAL



## Ħbieb Ħuttaf,

Dan l-aħħar ħaraqni wieħed!

Kont il-Qbajjar f'Għawdex bilqiegħda fuq bank inħares lejn il-baħar.Ħin minnhom ħareġ wieħed minn flett tal-kiri inzertajt nafu, wieħed Malti li kien Għawdex vaganza. F'idu kellu pajp twil ta' l-ilma mqabbad ma' x'imkien fil-flett. Sellimli, u beda jaħsel il-karozza.

U xbin, dak ilma li beda jaħli! L-ilma mank għalqu darba! Anke waqt li kien qed jogħrok bl-isponża, beda jħalli l-pajp fl-art bl-ilma jgelgel. Triq ġabha xmara!

Imsomma, ma flaħtx, kelli nkellmu. Għedtlu bi tbissima (mhux għax kelli aptit, imma biex ma jiħux għalih): "Bil-mod b'dak l-ilma, man!" Ma temmnux x'wieġeb!

Magħad waħda l-babilgamm, għemiżli u qalli: "Ħe, ħe! Erħilu, man, l-aqwa li l-kont ta' l-ilma mhux għandi ħa jiġi! Ħe, ħe!"

Mur obsor għalih! Għax ma kienx ħa jħallas hu, allura ħa jaħli bl-addoċċ. Mill-kont biss kien jimpurtah!

Hawn skoss nies jirraġunaw hekk. Għax ikunu vaganza f'xi lukanda jew flett, allura donnu ma jimpurtax li l-banju mlejtu sax-xfar, li ħallejt id-dwal kollha mixgħulin, il-giżer għaddej lejl u nhar, it-televixin mixgħul il-ħin kollu eċċ!

Nispera li ħadd minnkom ma jirraġuna hekk. Il-ħela hija ħela, dejjem u kullimkien. Qisu li tkunu fejn tkunu, anke msifrin, l-ilma tibżgħu għalih daqs id-demm u d-dawl tibżgħu għalih daqs id-dawl t'għajnejkom!

Għal hawn ħbieb!

**F'isem Klabb Ħuttaf u BirdLife Malta, nixtiqulkom Milied sabiħ u sena ġdida mimlija ferħ.**



*Victor*

**Victor Falzon**
L-Editur

### Working Group ta' Klabb Ħuttaf

Jason Aloisio, Audrey Chetcuti, Norman Chetcuti, Desirée Falzon, Victor Falzon, Justin Vassallo


Indirizz: **BirdLife Malta, 57/28 Triq Rigord, Ta' Xbiex MSD 12**
Tel: **347646** Fax: **343239** email: **blm@orbit.net.mt**
website: **www.waldonet.net.mt/birdlife/**



Materjal mill-Ħuttafa jista' jiġi kkupjat dment li mhux għal skop kummerċjali u dment li jissemma' isem il-magażin u li tintbagħat kopja tal-materjal lill-BirdLife.



Publikazzjoni: BirdLife Malta
Produzzjoni: Victor Falzon
Faċċata ta' quddiem: **Pitirross** (ritratt ta' Denis Cachia)
Films: Gutenberg Press.
Stampat: Poulton's Print Shop, Novembru 2000


Klabb Huttaf huwa t-taqsima ta' BirdLife Malta għall-membri ta' taħt is-sittax-il sena. Norganizzaw ħarġiet fil-kampanja, żjarat f'riservi naturali, serati kraft u anke nagħmlu xogħol ambjentali. Noħorġu l-magażin *Il-Ħuttafa* kull xaharejn għall-membri, u nagħmlu hendawts u logħob għal waqt l-attivitajiet. Sħubija fi Klabb Huttaf hija Lm2 fis-sena.

# Sena rekord!



Matul Settembru u Ottubru li għaddew, il-BirdLife kellha nies kuljum fil-Buskett josservaw u jissorveljaw x'tajr tal-priża qiegħed jgħaddi. Il-Buskett huwa l-aħjar post f'Malta biex tara t-tajr tal-priża, speċjalment fil-passa tal-ħarifa. Dis-sena jidher li l-passa tat-tajr tal-priża kienet waħda rekord, għax **B'KOLLOX DEHRU 3987 TAJR TAL-PRIŻA**. Hawn isfel qed inġibulkom lista sħiħa ta' x'għasafar tal-priża dehru mill-Buskett biss.

Imn'Alla dil-ħarifa l-pulizija għamlet xogħolha sew fil-Buskett, għax kieku massakru kbir kien ikollna!

| NUMRU | TAJR | ISEM BL-INGLIŻ |
|---|---|---|
| 1463 | kuċċarda | European honey buzzard |
| 22 | astun iswed | black kite |
| 4 | ajkla bajda | short-toed eagle |
| 1948 | bagħdan aħmar | marsh harrier |
| 10 | bagħdan griż | Montagu's harrier |
| 14* | bagħdan miż-żgħar | ringtail harrier |
| 5 | sparvier | Eurasian sparrowhawk |
| 11 | kuċċarda prima | common buzzard |
| 2 | kuċċarda ta' l-isteppa | steppe buzzard |
| 2 | ajkla tal-kalzetti | booted eagle |
| 13 | arpa | osprey |
| 47 | spanjulett sekond | lesser kestrel |
| 171 | spanjulett | common kestrel |
| 1 | seqer ta' denbu | merlin |
| 129 | seqer tal-ħannieqa | hobby |
| 16 | bies tar-reġina | Eleonora's falcon |
| 64* | tajr tal-priża kbir | broadwings |
| 42* | spanjuletti | common/ lesser kestrel |
| 22* | isqra | falcon species |
| 1* | tajra tal-priża | bird of prey |

*Dan ikun tajr li ma jkunx ingħaraf sew, spiss minħabba li jkunu fl-għoli wisq, jew f'dawl ħażin.

## BirdFest 2000



Justin Vassallo




Justin Vassallo

Il-BirdFest 2000 li għamilna fil-Buskett fil-1 Ottubru 2000 kienet suċċess, allavolja filgħodu xi kaċċaturi xerrdu t-taċċi u skoss karozzi ddubbaw panċer! Kien hemm logħob, tpinġija, berdwoċing, ikel, xorb, face-painting, jumble sale, ġew tat-televixin eċċ. Imsomma, għamilna attività sura u daħlu skoss membri. Grazzi kbira lil kull min għen jew ħa sehem f'dil-biċċa xogħol, u niskużaw irwieħna magħkom li ma lħaqniex infurmajiekom bl-attività fil-Ħuttafa!

# it-tigra... sejra?



F'*Il-Ħuttafa* 2 (1994) konna ktibna li fid-dinja baqa' biss xi 5000 tigra. B'dispjaċir kbir inħabbru li dak in-numru jidher li issa niżel għal xi **3000**. L-Indja, l-iktar pajjiż li fih jgħixu tigri, ftit qiegħda tagħmel biex tipproteġi dan l-annimal ta' l-għaġeb. It-tigri jinqatlu minn kaċċaturi li jieħdu l-għadam tagħhom biex issir mediċina għaċ-Ċiniżi! Barra minn hekk, l-ambjent tat-tigra (per eżempju l-ġungli fil-Bangladesh) qiegħed jinqered mill-bniedem biex isir tiftix għaż-żejt, biex iħaffru għall-faħam u ħafna żvilupp ieħor.

**Jidher li t-tigra m'għandha futur xejn sabiħ. Sas-sena 2010 jikkalkulaw li t-tigra tkun inqerdet għal kollox minn wiċċ id-dinja.**

Planet Ark

**B'aptithom!**

Il-**Mexican free-tailed bat** huwa farfett il-lejl li jgħix f'kolonji kbar fl-Amerka Ċentrali. Jistmaw li f'Texas biss, dawn il-friefet il-lejl bejniethom jieklu ma' l-**20,000 tunnellata** insetti fis-sena! Dak aptit!




# Telaq ieħor!

Id-dinja għadha kemm tilfet annimal ieħor. Did-darba hija razza ta' xadin li jissejjaħ **Waldron's Red Colobus** *(Colobus badius waldroni)*. Dan l-annimal kien jgħix fil-foresti tal-Ghana u tal-Côte d'Ivoire, pajjiżi ta' l-Afrika tal-Punent. L-aħħar li raw wieħed minn dawn ix-xadini kien fl-1978. Ix-xjenza tagħti ċans biex jitfittex sew qabel ma tikkunsidrah estint. Imma wara 22 sena, l-istudjużi qatgħu qalbhom... u d-dinja saret ftit iktar fqira!




**Red Colobus, jixbah ħafna lil Waldron's Red Colobus**



# il-Gardell



Mark-Anthony Falzon

**Ix-xhur ta' Ottubru u Novembru huma interessanti ħafna għall-berdwoċers Maltin. F'dan iż-żmien jaslu fostna għadd ta' għasafar li jgħaddu x-xitwa Malta - bl-Ingliż insejħulhom *wintering birds*. Il-biċċa l-kbira ta' dawn l-għasafar jiġu minn pajjiżi tat-tramuntana u l-grigal ta' l-Ewropa, per eżempju l-iSkandinavja u l-Estonja. F'dawn il-pajjiżi, ix-xitwa hija kiefra u twila u għalhekk ħafna għasafar ipassu lejn il-klima moderata tal-Mediterran. F'Malta naraw regolarment xi 30 speċi li jqattgħu x-xitwa fostna, u fost dawn hemm l-għasafar ta' l-għana (bl-Ingliż *finches*).**

Wieħed mill-isbaħ għasafar ta' l-għana huwa l-gardell. Il-kuluri ta' dan l-għasfur jaqtgħu kuntrast interessanti. Id-dahar u s-sider huma kafellatte u ż-żaqq bajda; fuq rasu għandu kappa sewda tuta li tmiss ma' maskla ħamra bejn l-għajnejn u l-munqar; id-denb u l-ġwienaħ huma suwed b'daqqiet bojod, u mat-tul tal-ġwienaħ il-gardell għandu wkoll faxx isfar li jidher sew waqt it-titjir. L-għamla tal-gardell hija eleganti u huwa għasfur pjuttost żgħir - ftit iżgħar minn għasfur tal-bejt, fil-fatt. Meta jtir, il-gardell jidher kważi qed jaqbeż, minħabba li t-titjira hija mqawsa ħafna. Jiekol żrieragħ, speċjalment dawk tax-xewk u t-tfief.

Il-ħabitat (jiġifieri l-ambjent adattat) tal-gardell huwa l-kampanja, għalkemm fl-Ewropa huwa komuni ħafna fil-ġonna wkoll. F'Malta narawh kullimkien imma l-aktar f'xi post bix-xagħri li jkollu wkoll siġar imferrxin. Bħall-għasafar ta' l-għana l-oħrajn, il-gardell spiss jidher ipassi fl-għoli mingħajr ma jinżel jistrieħ, kultant fi qtajja' żgħar. Għalhekk huwa importanti li nitgħallmu nagħrfu dan l-għasfur mill-għajta, li tixbaħ *witt witt witt*, għax mhux dejjem se narawh mill-viċin.

Il-gardell mhuwiex komuni f'Malta, imma jidher regolarment. L-aktar li narawh huwa fix-xhur tax-xitwa bejn Ottubru u Marzu, imma mhux l-ewwel darba li jidher ukoll bejn April u Settembru. Minn żmien għal żmien il-gardell ibejjet f'Malta wkoll, ġeneralment f'xi ġnien publiku. Kieku ma kienx għall-insib, il-gardell kien ikun aktar komuni u probabbli kien ibejjet regolarment ukoll. Imma sfortunatament in-nassaba jagħmlu ħerba mill-gardell u mill-għasafar ta' l-għana kollha - il-maġġoranza tagħhom jispiċċaw f'ħajja miżera maqfulin f'xi guva jew gabjetta, u dawk li jaraw il-berdwoċers tal-BirdLife ikunu l-ftit li jiskappaw ix-xbiek tan-nassaba.

X'ħasra hux!

Malti: **Gardell**
Ingliż: **Goldfinch**
Xjentifiku: *Carduelis carduelis*

# GALLERIJA



**Ċinju**
Jay Adam Stewart (10)



**Pepprin**
Mark
Vella (10)



**Margun**
Marius
Bugeja (8)



**Pagun**
Matthew Spiteri (9)



**Roderick Gusman**
Bagħdan Abjad (13)

3



**Ġojjin**
Caroline Delia (11)



**Bies**
Steven Borg (12)



**Grawwa**
Joseph Bugeja (12)



**Russett**
Christina
Fiott (11)



**Għasfur ta' San Martin**
Nicholas Galea (5)

Pinġu fuq karta bajda, mhux ikbar minn din il-paġna, b'linka sewda u mhux bil-kulur. Tinsewx isimkom, l-età tagħkom u isem l-annimal jew pjanta. Agħmlu hekk, u t-tpinġija tagħkom tidher fil-magażin. Tpinġux annimali domestiċi għall-Huttafa, bħal klieb, qtates eċċ. Kull tipinġija li nġibu tieħu 3 punti fil-Huttafa tas-Sena 2001.

Spot Natura

Victor Falzon

# PAPOĊĊI

JASON ALOISIO

Il-**papoċċi** hija waħda minn dawk il-ftit fjuri slavaġ li nitgħallmu nagħrfu sa minn tfulitna. Mhux ta' b'xejn, għax għandha għamla partikolari u tagħti fl-għajn. Aħna l-Maltin inqabbluha mażżraben, l-Ingliżi mad-draguni (snapdragon) u t-Taljani ma' ħalq l-iljuni (bocca di leone)! Il-frotta niexfa tal-papoċċi tfakkrek f'ras il-mewt, u minnha toħroġ kwantità ta' żerriegħa rqiqa qisha bżar iswed mitħun!

L-iktar speċi komuni hija l-**papoċċi ħamra**, li twarrad is-sena kollha u tikber kważi kullimkien, iżda l-aktar fejn ikun hemm art ġeblija.

Mal-ħitan u s-swar spiss naraw il-**papoċċi bajda**. Għandha fjuri bojod safranin ftit iżgħar minn tal-ħamra. Darba din l-ispeċi kienet tinstab biss f'Malta u Sqallija, iżda maż-żmien infirxet f'pajjiżi oħrajn tal-Mediterran.

L-iktar speċi rari hija l-**papoċċi ta' Malta**. Tissejjaħ hekk għax tikber biss f'Malta u Linosa, gżira daqs nitfa bejn it-Tuneżija u Sqallija. Il-fjuri huma żgħar ta' lewn vjola ċar. Għal xi raġuni u b'xorti ħażina tidher li qiegħda tonqos minn pajjiżna u hemm iċ-ċans li nitilfuha. Fil-fatt din il-pjanta hija mħarsa bil-liġi.



**Il-papoċċi ħamra tħobb postijiet b'art ġeblija**

## Avviżi

**Trid tgħin lill-BirdLife u tiddobba skoss punti fil-Ħuttafa tas-Sena 2001?** Jekk għandek soft-toys li m'għadekx tridhom, nieħdu pjaċir kieku tgħaddihomlna. Il-BirdLife dawn tbigħhom, u bil-flus inkomplu nfaddlu biex nixtru dak it-teleskopju għall-Għadira. Għalhekk jekk għandek soft-toys f'kundizzjoni tajba tista' jew iġġibhom iċ-Ċentru tal-BirdLife f'Ta' Xbiex, jew iżżur ir-riserva ta' l-Għadira u tħallihom ma' xi ħadd mill-gwidi t'hemmhekk, jew tgħaddihomlna f'xi attività tal-Klabb stess. Punti 5 sa 10 għal kull soft toy (skond id-daqs u l-kundizzjoni).





Tajjeb li fil-Milied il-ġenituri **ma jagħtux pets bħala rigali** sakemm ma jkunux ċerti li uliedhom verament iridu wieħed u kapaċi jrabbuh! Ftakru li **annimal mhux oġġett li jintrema' meta tixba' minnu**!

Ħaġ'oħra, jekk tixtiequ tgħinu lil min qed jagħti ħajtu u ġidu biex jieħu ħsieb klieb u qtates mitluqin, **żuru l-carboot sale** li jarma ħdejn il-Flower Power (ħdejn Ta' Qali) kull nhar ta' Ħadd, u ixtru xi ħaġa!





*Backnumbers* tal-Ħuttafa baqa' minn ta' kull ħarġa ħlief 1 u 3. *Backnumbers* jiswew 25ċ kull wieħed. Ċemplu 347646.

# KOMPETIZZJONI 41

| | | | | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| B | L | N | E | M | Z | O | B | F | K | C | Q | N | I | D |
| F | E | F | U | C | G | R | R | Z | L | U | Y | J | U | X |
| G | I | G | M | I | Y | Y | F | J | O | V | F | M | I | I |
| O | W | N | G | A | M | T | T | R | A | E | A | O | I | V |
| A | R | Y | V | A | W | O | A | X | U | T | R | E | T | I |
| I | I | A | A | N | Z | W | N | V | Q | T | E | P | A | Z |
| T | G | G | S | I | W | Z | E | A | J | O | I | M | F | W |
| Y | C | U | U | W | T | E | I | N | K | R | V | Y | I | R |
| D | E | L | A | R | E | Q | W | N | E | E | U | E | X | S |
| U | L | H | Z | I | L | J | Y | I | A | V | L | U | C | L |
| W | I | A | Q | B | T | I | D | C | F | U | P | L | W | F |
| L | T | A | R | M | B | Z | N | A | E | L | T | E | A | R |
| L | L | W | H | Q | J | C | X | L | P | P | M | O | C | Z |
| K | Y | H | W | J | C | Z | U | A | A | P | U | O | T | H |
| D | Q | E | E | N | Z | K | K | M | L | I | P | A | Y | L |

*NORMAN CHETCUTI*
*The Entertainer*

Sib it-12-il tajra tal-plajja f'dit-taħbila, u għalik hemm ktieb sabiħ dwar in-natura. Tista' timxi 'l quddiem, lura, 'il fuq, 'l isfel jew imxattar. Dawn huma l-għasafar:

**BEGGAZZINA**
**TERTUXA**
**BIRWINA**
**VENEWWA**
**XIFA**
**SWEJDA**
**CUVETT**
**PLUVIERA**
**GIRWIEL**
**GURLIN**
**MONAKELLA**
**PLUVEROTT**



Ibgħat kopja tat-taħbila lesta (jekk tqasqas il-magażin titlef mill-ewwel) sat-**Tlieta 9 Jannar 2001**, flimkien ma' ismek eċċ.

Ir-rebbieħ tal-Kompetizzjoni 40 huwa **Keith Vassallo** (Y4364) mill-iMqabba. Keith mitlub imur iċ-Ċentru tal-BirdLife (Tnejn - Ġimgħa 9am-12) f'Ta' Xbiex biex jiġbor il-premju. Prosit Keith, u ħu mieghek il-membership card!

## ittri 3

## Il-Fiera tal-Moħqrija



Sur Editur,

F'Novembru mort mal-familja għall-Fiera ta' San Martin li ssir fil-Baħrija. Kien hemm ħafna nies u kienet ġurnata sabiħa, imma jien xejn ma ħadt gost.

Rajt ħafna ħrief marbutin fuq trakk fix-xemx, sakemm jitilgħu lil xi ħadd bix-xorti. Meta jintrebaħ xi wieħed minnhom, bdew jorbtulu biċċa najlon m'għonqu u n-nies u t-tfal erħilhom jiġbduh minnu qishom qed imexxu xi ġugarell.

Miskin il-ħaruf veru annimal kwiet u jien tgħidx kemm ħassejt x'ħin rajtu jbati. In-nies kollha bdew jiggustaw dawn il-ħrief, imma jaħasra ma kinux jafu jittrattawhom tajjeb!

Żgur li żgur ma nerġax immur nara din il-Fiera tal-Moħqrija!

Amy Gerardi
Marsascala

Għażiża Amy,

Għandek raġun tgħid li n-nies ma jafux jittrattawhom tajjeb l-annimali. Għal hafna nies l-annimali qegħdin hemm biex nużawhom bħal oġġetti. 'Qas temmen li fis-Seklu 21 għad hawn nies li jaħilfu li l-annimali ma jħossux uġigħ!

L-Editur



Aqraw **The Magic Finger** ta' Roald Dahl, ktieb bi storja helwa dwar xi kaċċaturi u dwar tifla li jkollha poteri speċjali...

## In-Natura fl-Arti



**Sema u baħar**

Disinn oriġinali u intelliġenti ta' Mauritz-Cornelis Escher (1898-1972). Escher kien magħruf għal dat-tip ta' tpinġija



# Lestu għall-paaaaarty!

| | |
|---|---|
| Data: | **20 Diċembru 2000** |
| Post: | **Skola Primarja Furjana** |
| Hin: | **6.30pm - 8.30pm** |
| Età: | **Ħuttaf kollha!** |
| Dħul: | **Lm1.75** (fil-bieb) |

**IMPORTANTI**
Biex tibbukkjaw ċemplu 347646 (8am-1pm) **mhux wara 18 Diċ**

**U kif jiġri dejjem, erġajna wasalna għall-aħħar attività tas-sena, attività tant mistennija... il-PARTY tal-MILIED! Attività li tattenduha bi ħġarkom... Naraw dis-sena tesagħniex is-sala! Ejjew, nies, u gawdu magħna f'daż-żmien ta' ġost u ta' tgawdija!**








*Hawn hbieb,*

*Kif ahna? Ghandi hafna x'nirrakkuntalkom, u ma nafx minn fejn se nibda. L-attività ta' Lulju l-Ghadira marret tajjeb hafna. Hadd minna ma bata, imma b'li ghamilna tghidx kemm ha gost Charles il-gwardjan ta' l-Ghadira! Tant li l-ghada ċempilli u hajjarni nerġghu mmorru! "Ghas-sena d-diehla" ghedtlu.*

*Imbagħad kellna l-mixja ta' bil-lejl mir-Rabat ghaż-Żurrieq. Twila tahsbu? U mela le! Tlaqna fid-9pm u f'nofs il-lejl konna diġà hemm! U anke żfinna ftit ġo bar ghall-kant ta' Freddie Portelli!*

*Il-Kamp ta' Settembru reġa' kien suċċess: hdax-il tifel u tifla, u 'l fuq minn 400 ghasfur! Hadna gost, staqsu lil min ġie... u bilhaqq rajna kaċċatur jispara fuq kuċċarda. Kżajnieh lill-pulizija, li minnufih arrestawh! Dan l-ahhar ukoll smajt li wehel xi multa xierqa!*

*Fl-ahhar kien hemm il-harġa ta' Kemmuna. Hawwilna 5 siġriet, xi 30 qasba, dawwarniehom b'rixtellu tal-hadid, u haffirna xejn inqas minn 18-il hofra ohra biex inhawlu aktar siġar fihom! Prosit tassew lill kull min ġie jaghti daqqa t'id.*

*Se jkolli nieqaf ghax ma fadallix fejn nikteb. Nghid biss illi hadt gost nara dawk it-tfal ġodda l-Buskett u Kemmuna. Jien u Graziella, il-leader il-ġdida, nisperaw li narawkom kollha l-attività li jmiss...*

**justin**

## Sejrin... bakħajk

**Iva, sejrin bajkħajk!**

Tant ilkom tgħiduli biex norganizzaw wieħed li ma flaħtx niksrilkom qalbkom! Din id-darba se tkun qasira... mill-Mosta għall-Bidnija, nitilgħu mal-wied sa l-iMġarr u nerġgħu lura lejn il-Mosta. Il-postijiet li ser ngħaddu minnhom sbieħ ħafna, speċjalment daż-żmien tas-sena.

Mela jien u Graziella niltaqgħu magħkom jew Bieb il-Belt jew quddiem il-knisja tal-Mosta. **Importanti** li min ġej iċempel l-uffiċċju tal-BirdLife. Min se jikri rota din se tkun Lm2. Tinsewx iġġibu magħkom xi ikel u xorb, u rejnkowt għal li jinqala'.

**Narawkom!**



Justin Vassallo

| | |
|---|---|
| Data: | **20 Jannar 2001** |
| Niltaqgħu: | **Bieb il-Belt 8.15am** jew **il-Mosta 9.00am** |
| Lura: | **4pm** |
| Età: | **13+** |



Le, mhux xena minn foresta maġika tal-ħrejjef Grimm. Dar-ritratt meħud Malta! Eżatt eżatt il-Ballut ta' l-iMġiebaħ.

# Tagħna f'tagħna!

**Spiss ngħidu li Malta m'hawnx biżżejjed siġar u hemm bżonn inħawlu iktar. Iżda kontu tafu li mhux is-siġar kollha xorta? Hawn siġar li huma Maltin, oħrajn li daħħluhom Malta n-nies minn barra, jew apposta jew bla ma jafu.**




Victor Falzon

X'inhuma il-karatteristiċi tas-siġar Maltin? L-ewwelnett, siġar Maltin adattaw ruħhom għall-ambjent li jikbru fih. Per eżempju, jifilħu għan-nixfa twila tas-sajf. Ikollhom għeruq li kapaċi jinfirxu sew fil-blat biex ifittxu l-ilma, weraq li jgħinuhom jaħżnu l-ilma, jew li jirriflettu d-dawl tax-xemx. Hemm siġar li jwaqqgħu l-weraq fis-sajf, biex ma jitilfux l-ilma. Imsomma, bosta adattamenti.

F'Malta, iżda, insibu wkoll numru kbir ta' siġar li mhumiex Maltin. Forsi tgħidu, mhux xorta? Mhux l-aqwa li siġar? Le mhux xorta! Uħud minn dawn is-siġar barranin li ddaħħlu Malta, huma kapaċi jikbru tajjeb ħafna fl-ambjent tagħna, u minħabba f'hekk jistgħu jheddu is-siġar Maltin.

Ejjew nieħdu eżempju: l-**ewkaliptus**! Din hija siġra Awstraljana, li ddaħħlet Malta u ntgħoġbot għax tikber malajr, u għalhekk malajr infirxet ukulħadd iħawwel l-ewkaliptus. Imma dis-siġra hija problema, għax kapaċi tixrob ħafna ilma mill-ħamrija*. Barra minn hekk, tipproduċi sustanzi tossiċi fil-ħamrija li ma jħallux siġar oħrajn jikbru fil-viċin. Lanqas ħaxix ma jikber, u dan iħalli l-ħamrija mikxufa li mbagħad faċli titkaxkar mix-xita u r-riħ.

Hemm ukoll siġar oħrajn bħall-**akaċja**, ir-**riġnu** u t-**tabakk tas-swar** li kollha jistgħu jagħmlu ħsara lill-ambjent naturali Malti meta jieħdu post siġar indiġeni Maltin.

Hemm bżonn nibdew napprezzaw iktar is-siġar Maltin. Uħud mill-ispeċi bħall-**għargħar**, iż-**żafżaf** u l-**ġummara** huma mhedda u saru rari ħafna. X'jista' jsir? Nistgħu nħawlu iktar siġar Maltin, speċjalment dawk rari, flok ma noqogħdu ninħlew fuq siġar li ġew min-naħa l-oħra tad-dinja. Anke meta nħawlu s-siġar fit-toroq jew fir-rawndebawts, l-awtoritajiet għadhom jużaw iktar speċi Maltin.

**B'hekk mhux biss insalvaw ħafna razez li kważi spiċċaw, imma wkoll iktar nies jitgħallmu dwar dan il-wirt naturali Malti.**

*Elisabeth Conrad*

# Rigal speċjali dal-Milied!

Fuq wara did-darba ġibna kopja tal-poster li bih qed nagħmlu riklam biex inħajru nies jadottaw ċiefa. Kif ħafna minnkom diġà jafu, qed nagħmlu dan**biex niġbru flus ħalli l-BirdLife ikollha l-mezzi biex tistudja aħjar l-għasafar, b'mod speċjali t-tajr tal-baħar.**

Kif tafu wkoll, waħda mill-affarijiet li intom tieħdu jekk tadottaw ċiefa huwa **soft toy** speċjali, li sar apposta għal din il-kampanja! Is-soft toy huwa ta' fellus ta' ċiefa, u kull min rah iġġennen għal wieħed!

Barra mis-soft toy, min jadotta ċiefa jieħu ċertifikat speċjali u tintbagħtlu wkoll l-istorja taċ-ċiefa li jkun adotta. **L-għasafar li tadottaw huma għasafar veri li l-BirdLife taf bihom u ilha s-snin tistudjahom.**

Ħafna għalliema qed jadottaw ċief bħala klassijiet - idea tajba għax b'dal-mod tiġi rħisa immens għal kull student.



**Ara tħajrux lill-għalliema tagħkom jagħmlu l-istess.** Agħmlu xi ħaġa mhux tas-soltu dal-Milied!

Jekk titħajru tadottaw ċiefa, ibagħtu ċekk jew postal order ta' **Lm6** lill-BirdLife, flimkien ma' isimkom u l-indirizz. Il-bqija nagħmluh aħna.




## Il-Ħuttafa tas-Sena 2000

Dawn huma l-għaxar rebbieħa tal-Kompetizzjoni **Il-Ħuttafa tas-Sena 2000**, bin-numru ta' punti li rnexxielhom itellgħu tul dan l-aħħar tnax-il xahar!

| | |
|---|---|
| Jürgen Pavanello | 419 |
| Sara Jane Cauchi | 398 |
| Kenneth Cauchi | 326 |
| Arthur Briffa | 223 |
| Kyra Vassallo | 222 |
| Clayton Borg | 188 |
| Alvin Borg | 135 |
| Alf Buhagiar | 88 |
| Darren Borg | 80 |
| Simon Sultana | 63 |



**Prosit u grazzi, ħbieb, u qisu li tiġu dakinhar tal-PARTY biex tingħataw il-premju li jixirqilkom.**

# Daħħal membru ġdid fi Klabb Ħuttaf u inti tieħu...



- **Tliet pitazzi**
- **Stiker bil-kulur**
- **8 punti fil-Ħuttafa tas-Sena**

Hajjar ħbieb, aħwa u kuġini jidħlu fi Klabb Ħuttaf, agħtihom kopja ta' dil-formola biex jimlewha, imla isfel nett id-dettalji tiegħek stess, u ibgħathomlna, flimkien mal-Lm2 tal-membru l-ġdid.




**Dettalji tal-membru l-ġdid**

Isem ______

Indirizz ______

______

Data tat-twelid ______ Telefon ______

**Dettalji tiegħek stess**

Isem ______

Indirizz ______

______

Telefon ______

Ibgħat kollox lil *BirdLife Malta 57/28 Triq Rigord Ta' Xbiex MSD 12*
Tibgħatx flus bil-posta - ibgħat ċekk (pagabbli lil BirdLife Malta), postal order jew 34 bolla tas-6ċ

Tqattax il-magażin - ħu fotokopja!

# BraveChick



She hatches on the edge of a sheer cliff.
She is abandoned before she is fully grown.
She has to teach herself how to fly... or drown.
She has to teach herself how to find food... or starve.
She has to brave wild storms and rough seas.
And yet...

## These are the least of her problems!

This brave chick is a young shearwater, a seabird that breeds in Malta. Millions of seabirds die each year because of marine pollution, hunting, overfishing and habitat destruction.

## Seabirds clearly need our help!

Please care! For **Lm6** you can foster your own shearwater and at the same time support BirdLife's Seabird Project. Thanks.

For more details please ask at this outlet, or contact BirdLife Malta at 57/28 Triq Rigord Ta' Xbiex MSD 12
Tel 347646 Fax 343239 email blm@orbit.net.mt

BirdLife MALTA